Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2024/4522

16.7.2024

# DEĊIŻJONI TAL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW

## tal-15 ta' Lulju 2024

## li temenda ċerti Deċiżjonijiet tal-Bureau tal-Parlament Ewropew biex jiġu aġġornati r-referenzi għar-Regoli ta' Proċedura u l-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew

(C/2024/4522)

IL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW,

wara li kkunsidra l-Artikolu 25(2) u (3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Bid-deċiżjonijiet tiegħu tat-13 ta' Settembru 2023 ([1]), u tal-10 ([2]) u l-24 ta' April 2024 ([3]) rispettivament, il-Parlament Ewropew emenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu bl-għan li jissaħħu l-integrità, l-indipendenza u r-responsabbiltà u implimentata r-riforma parlamentari "Parlament 2024", u dan wassal, fost konsegwenzi oħra, għan-numerazzjoni mill-ġdid tal-biċċa l-kbira tad-dispożizzjonijiet tar-Regoli ta' Proċedura.

(2) Barra minn hekk, matul dawn l-aħħar snin il-qafas legali applikabbli msemmi f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Bureau evolva, u għalhekk ċerti referenzi saru manifestament obsoleti jew jeħtieġ li jiġu aġġornati, kif inhu, b'mod partikolari, il-każ tar-referenzi għad-Deċiżjoni tal-Bureau dwar il-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew ([4]) (l-"IMMS").

(3) F'tali kuntest u bil-ħsieb li jiġi pprovdut qafas legali aġġornat u affidabbli, id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-deċiżjonijiet tal-Bureau li ġejjin għandhom jiġu emendati biex jirriflettu r-referenzi aġġornati għar-Regoli ta' Proċedura u għall-IMMS:

— Id-deċiżjoni tal-Bureau tat-28 ta' Novembru 2001 dwar ir-regoli dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew ([5]);

— Id-deċiżjoni tal-Bureau tat-23 ta' Marzu 2011 dwar ir-regoli dwar il-projbizzjoni tat-tipjip fil-postijiet tax-xogħol tal-Parlament Ewropew ([6]);

— Id-deċiżjoni tal-Bureau tal-15 ta' April 2013 rigward ir-regoli li jirregolaw it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Parlament Ewropew ([7]);

— Id-deċiżjoni tal-Bureau tal-15 ta' Jannar 2018 dwar ir-regoli dwar is-sigurtà u s-sikurezza fil-Parlament Ewropew ([8]);

([1]) Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2023 dwar emendi tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament bl-għan li jissaħħu l-integrità, l-indipendenza u r-responsabbiltà (2023/2095(REG))(ĠU C, C/2024/1770, 22.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1770/oj).

([2]) Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' April 2024 dwar emendi tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament li jimplimentaw ir-riforma parlamentari "Parlament 2024" (2024/2000(REG)) (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' April 2024 dwar emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament rigward it-taħriġ dwar il-prevenzjoni tal-kunflitt u l-fastidju fil-post tax-xogħol u dwar ġestjoni tajba tal-uffiċċju (2024/2006(REG)) (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([4]) Id-deċiżjoni tal-Bureau tal-11 ta' Settembru 2023 dwar il-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Bureau tad-19 ta' Mejju u tad-9 ta' Lulju 2008, ĠU C, C/2024/2814, 26.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/2814/oj).

([5]) ĠU C 216, 22.7.2011, p. 19.

([6]) ĠU C 102, 2.4.2011, p. 8.

([7]) ĠU C 96, 1.4.2014, p. 1.

([8]) ĠU C 79, 2.3.2018, p. 3.

— Id-deċiżjoni tal-Bureau tas-17 ta' Ġunju 2019 dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni relatati mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-Istituzzjonijiet, Korpi, Uffiċċji u Aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE ([9]);

— Id-deċiżjoni tal-Bureau tal-1 ta' Lulju 2019 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ([10]),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2001 dwar ir-regoli dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, hija emendata kif ġej:

(1) It-tielet konsiderazzjoni hija sostitwita b'dan li ġej:

"Wara li kkunsidra l-Artikoli 25(2) u (12), 124(1) u 125 tar-Regoli ta' Proċedura,";

(2) It-tielet premessa hija sostitwita b'dan li ġej:

"Billi l-Artikolu 125(2), (3) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura jinkariga lill-Bureau jadotta regoli maħsuba biex joħolqu reġistru ta' referenzi tad-dokumenti, jistabbilixxu l-proċeduri għall-aċċess u jagħżlu l-organi responsabbli mill-ipproċessar tat-talbiet ta' aċċess,";

(3) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2 F'dan ir-rigward, id-dokumenti tal-Parlament Ewropew, hekk kif definiti fl-Artikolu 125(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, għandhom jiddaħħlu fir-RER taħt ir-responsabbiltà tal-organu jew servizz awtur tad-dokument."

(4) Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1 It-talbiet inizjali indirizzati lill-Parlament Ewropew għandhom jiġu pproċessati mis-Segretarju Ġenerali bl-awtorità tal-Viċi President responsabbli mis-sorveljanza tal-ipproċessar tat-talbiet għal aċċess għad-dokumenti, kif previst mill-Artikolu 125(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura.".

*Artikolu 2*

Fid-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Marzu 2011 dwar ir-regoli dwar il-projbizzjoni tat-tipjip fil-postijiet tax-xogħol tal-Parlament Ewropew, l-ewwel konsiderazzjoni hija sostitwita b'dan li ġej:

"Wara li kkunsidra l-Artikolu 25(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew,".

*Artikolu 3*

Id-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2013 rigward ir-regoli li jirregolaw it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Parlament Ewropew hija emendata kif ġej:

(1) L-ewwel konsiderazzjoni hija sostitwita b'dan li ġej:

"Wara li kkunsidra l-Artikolu 25(12) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew,";

([9]) ĠU C 259, 2.8.2019, p. 2.
([10]) ĠU C 249, 25.7.2019, p. 2.

(2) Fl-Anness II, l-avviż ta’ sigurtà 6, il-punt 9, huwa sostitwit b’dan li ġej:

“9 Bla ħsara għal kull azzjoni ġuridika oħra, il-ksur imwettaq mill-Membri tal-Parlament Ewropew għandu jiġi pproċessat b’konformita’ mal-Artikolu 10(5) u l-Artikoli 182, 183 u 184 tar-Regoli ta’ Proċedura tal-Parlament,”.

*Artikolu 4*

Id-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Jannar 2018 dwar ir-regoli dwar is-sigurtà u s-sikurezza fil-Parlament Ewropew hija emendata kif ġej:

(1) Il-premessa 10 hija sostitwita b’dan li ġej:

“(10) Kwistjonijiet li jirrigwardaw il-kards ta’ aċċess huma rregolati minn Deċiżjoni separata tal-Bureau adottata skont l-Artikolu 126(1) tar-Regoli ta’ Proċedura tal-Parlament.”;

(2) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 8 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“8 Din id-Deċiżjoni m’għandhiex tapplika għar-regoli dwar il-kards ta’ aċċess fis-sens tal-Artikolu 126 tar-Regoli ta’ Proċedura tal-Parlament.”;

(3) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“4 Fil-każ li Membru jtellef l-andament xieraq tal-proċedimenti tal-plenarja, is-Segretarju Ġenerali jista’ jitlob l-assistenza tad-DĠ SAFE meta jkunu adottati miżuri skont l-Artikolu 182(3) tar-Regoli ta’ Proċedura tal-Parlament Ewropew.”;

(4) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3 Nuqqas ta’ konformità ma’ din id-Deċiżjoni, mar-regoli ta’ implimentazzjoni tagħha, kif ukoll mal-miżuri meħuda fl-applikazzjoni tagħhom jista’ jwassal għal azzjoni dixxiplinari skont it-Trattati, skont l-Artikoli 10 u 183 tar-Regoli ta’ Proċedura tal-Parlament u skont ir-Regolamenti tal-Persunal, kif ukoll għal sanzjonijiet kuntrattwali jew azzjoni legali taħt il-liġijiet u regoli nazzjonali.”;

(5) Fl-Artikolu 28, il-paragrafu 4, l-ewwel inċiż huwa sostitwit b’dan li ġej:

“— jassisti jew jappoġġa investigazzjoni li nfetħet mill-President dwar Membru skont l-Artikolu 183 tar-Regoli ta’ Proċedura tal-Parlament;”.

*Artikolu 5*

Fid-deċiżjoni tal-Bureau tas-17 ta’ Ġunju 2019 dwar ir-regoli ta’ implimentazzjoni relatati mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali mill-Istituzzjonijiet, Korpi, Uffiċċji u Aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, in-nota 7 f’qiegħ il-paġna hija sostitwita b’dan li ġej:

“([7]) Id-deċiżjoni tal-Bureau tal-11 ta’ Settembru 2023 dwar il-Miżuri ta’ Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Bureau tad-19 ta’ Mejju 2008 u tad-9 ta’ Lulju 2008 (ĠU C/2024/2814, 26.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/2814/oj).”.

*Artikolu 6*

Id-deċiżjoni tal-Bureau tal-1 ta’ Lulju 2019 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej hija emendata kif ġej:

(1) Is-sitt konsiderazzjoni hija sostitwita b’dan li ġej:

“Wara li kkunsidra r-Regoli ta’ Proċedura tal-Parlament Ewropew (‘ir-Regoli ta’ Proċedura’), u b’mod partikolari l-Artikoli 25(11) u 241 tagħhom,”;

(2) Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9 Id-deċiżjonijiet adottati fl-ambitu ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu notifikati lill-benefiċjarju bħala deċiżjoni uniformi, f'konformita' mal-Artikolu 241(1) tar-Regoli ta' Proċedura.";

(3) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Artikolu 241(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura għandu japplika għal deċiżjonijiet adottati mill-Bureau skont dan l-Artikolu.";

(4) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Artikolu 241(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura għandu japplika għal deċiżjonijiet adottati mill-Bureau skont dan l-Artikolu.";

(5) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Artikolu 241(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura għandu japplika għal deċiżjonijiet adottati mill-Bureau skont dan l-Artikolu.";

*Article 7*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mis-16 ta' Lulju 2024.